**10 ta' Marzu, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Godfrey Aquilina *noe*

*versus*

Vincent u Guliana konjuġi Borg

**Bejgħ bieb b'bieb - Kuntratt - Żball - Għemil Doluż**

*L-Att VII ta' l-1987 li jirregola l-attivitajiet ta' bejjiegħa bieb b'bieb jagħti l-posibbilità lill-konsumatur jerġa' jaħsiba dwar l-akkwist li jkun għamel. Difatti għall-perijodu ta' ħmistax-il ġurnata l-kuntratt jibqa' sospiż u ma jistax jiġi enforzat mill-venditur; iżda la darba jgħaddi dan it-terminu l-kuntratt isir definittiv u jista' jitħassar biss kemm-il darba l-konsumatur ikollu raġuni valida.*

*Dwar vizzju tal-kunsens minħabba żball, il-liġi tiddistingwi bejn żball dwar il-liġi li ma jġibx nullità ħlief meta dan ikun il-kawża waħdanija jew ewlenija tiegħu u żball ta' fatt li ma jġibx in-nullità ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-2 ta' Frar, 1996 li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta li l-konvenuti kienu ordnaw u xtraw mingħand l-attur *nomine* diversi kotba, kif elenkat fl-iskrittura ddatata 14 ta' Ġunju, 1995 u dana bil-prezz komplessiv ta' tliet mija u ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm325), liema prezz kellu jiġi mħallas mill-konvenuti permezz ta' pagamenti rateali mensili bir-rata ta' wieħed u tmenin lira Maltija u ħamsa u għoxrin ċenteżmi (Lm81.25) kull wieħed u dana b'effett mill-14 ta' Lulju, 1995, kif jirriżulta mill-imsemmija skrittura; li meta l-attur *nomine* wasal sabiex jikkonsenja l-istess kotba lill-konvenuti, l-istess konvenuti rrifjutaw li jaċċettawhom u dana mingħajr l-ebda valida raġuni legali u bi ksur ta' l-obbligi tagħhom kuntrattwali; illi l-konvenuti, nonostante ukoll illi kienu ġew debitament interpellati mill-attur *nomine* sabiex jibdew jaffettwaw il-pagamenti kif fuq premess, naqsu għal kollox milli jadempixxu

dana l-obbligu tagħhom rigwardanti l-ħlas permezz tal-pagameni rateali mensili u b'hekk ġie li kisru kondizzjoni oħra ta' l-imsemmija skrittura; li *ai termini* ta' l-imsemmija skrittura, l-attur *nomine għandu d-dritt, f'każ ta' inadempjenza da parti* tal-konvenuti ta' xi waħda mill-kondizzjonijiet tal-bejgħ kif kontenuti fl-iskrittura, li jitlob u jesiġi l-ħlas tal-bilanċ intier li jkun għadu dovut mill-konvenuti, kif qiegħed jagħżel li jagħmel permezz ta' l-istanti, talab li din il-Qorti:

Tiddikjara u tiddeċidi illi l-konvenuti ddekadew mill-benefiċċju tal-mod u tat-terminu kif lilhom konċess mill-attur *nomine* fl-iskrittura ta' l-14 ta' Ġunju, 1995;

*Omissis*;

U konsegwentement:

M'għandhomx jiġu kkundannati minn dina l-Qorti sabiex iħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' tliet mija u ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm325) prezz ta' diversi kotba lilhom mibjugħa mill-istess attur *nomine* skond l-iskrittura ta' l-14 ta' Ġunju, 1995 bl-imgħaxijiet legali sal-ħlas effettiv;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-20 ta' Lulju, 1995 kif ukoll dawk taċ-ċedola ta' depożitu ppreżentata kontestwalment kontra l-konvenuti li huma inġunti sabiex jidhru għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit mill-attur *nomine*;

Rat in-nota tal-konvenuti ppreżentata fit-2 ta' Ottubru, 1996 li permezz tagħha eċċepew:

Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kuntratt in kwistjoni ġie kkanċellat fit-terminu preskritt skond l-istess kuntratt;

Illi l-kuntratt ta' bejgħ huwa null billi l-kunsens tal-konvenuti ġie meħud b'ingann u/jew bi żball;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Semgħet lill-kontendenti u ħadet konjizzjoni tad-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal ta' l-udjenza ta' l-24 ta' Jannar, 1997 meta l-konvenuti irrinunzjaw għall-ewwel eċċezzjoni u l-kawża ġiet imħollija għas-sentenza għas-seduta tal-lum wara li d-difensuri ttrattaw il-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi bi skrittura privata ddatata 14 ta' Ġunju, 1995 l-konvenuta Giuliana Borg obbligat ruħha li tixtri u takkwista mingħand l-attur *nomine* disa' u għoxrin volum ta' *The Bank & Wagnall's Encyclopedia* flimkien ma' diversi pubblikazzjonijiet hemm imsemmija bil-prezz komplessiv ta' Lm325 pagabbli bir-rati mensili ta' Lm81.25, l-ewwel pagament kellu jsir fl-14 ta' Lulju, 1995;

Billi dan il-bejgħ kien sar mill-attur taħt is-sistema hekk magħrufa *door-to-door* l-istess konvenuti kellhom id-dritt li jikkanċellaw l-imsemmi bejgħ fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data tal-kuntratt kif jipprovdi l-artikolu 8 tal-Kap. 317 tal-Liġijiet ta' Malta li Jirregola l-Attivitajiet ta' Bejjiegħa Bieb b'Bieb. Dan l-artikolu jipprovdi li l-kuntratt ma jkunx jorbot u

konklussiv jekk dan ikun kanċellat billi l-formola tal-kanċellament, li skond is-subinċiż (2) ta' l-artikolu 6 għandha tiġi mehmuża mal-kuntratt in kwistjoni, tiġi kkonsenjata lill-bejjiegħ jew bl-idejn jew bil-posta reġistrata, fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data tal-kuntratt;

Mid-dokument GA1 a fol. 18 tal-proċess jidher li fl-14 ta' Ġunju, 1995 il-konvenuta ngħatat kemm kopja tal-kuntratt kif ukoll il-*cancellation form* rikjesta mil-liġi;

*Omissis*;

Illi sussegwentement għall-iffirmar tal-kuntratt ta' l-14 ta' Ġunju, 1995, il-konvenuti, għar-raġunijiet tagħhom u kif ser jiġu dettaljati hawn taħt, iddeċidew li jikkanċellaw il-kuntratt ta' bejgħ u għalhekk għamlu użu mill-*cancellation form*. Din ġiet mimlija u mibgħuta lill-attur. Dan iżda sar tardivament kif jidher minn fuq it-timbru postali fid-Dok. GA2, billi l-istess *cancellation form* ġiet impustata fit-3 ta' Lulju, 1995 u waslet għand l-attur fl-4 ta' l-istess xahar. It-terminu għat-tħassir tal-kuntratt ta' l-14 ta' Ġunju, 1995 kien għalaq fid-29 ta' Ġunju, 1995;

Wara dan, l-attur ipprova jikkonsenja l-kotba in kwistjoni lill-konvenuti, iżda dawn ma ġewx aċċettati u għalhekk ġew depożitati fir-reġistru tal-Qorti permezz ta' ċedola ta' depożitu;

Illi, b'dawn il-fatti, l-attur, ai termini ta' dak li hemm stipulat fil-kuntratt u kif sanċit mill-Kap. 317 tal-Liġijiet ta' Malta, qed jitlob li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuh l-ammont kollu tal-kuntratt mingħajr il-benefiċċju tat-terminu lilhom konċess u dana billi kienu inadempjenti sew fil-pagamenti sew meta rrifjutaw li jirċievu konsenja tal-kotba;

Il-konvenuti qegħdin isostnu li l-kuntratt ta' bejgħ huwa null billi l-kunsens tagħhom ġie meħud b'ingann u/jew bi żball;

Ikkunsidrat:

Illi l-Att VII ta' l-1987 li Jirregola l-Attivitajiet ta' Bejjiegħa Bieb b'Bieb, hu intiż sabiex jagħti protezzjoni lill-konsumatur li, mingħajr preavviż u mingħajr inizzjattiva da parti tiegħu, jiġi avviċinat fir-residenza tiegħu u offrut merkanzija għal bejgħ. L-għan ewlieni tal-liġi hu biex jagħti l-possibbilità lill-konsumatur jerġa' jaħsibha sew dwar l-akkwist li jkun għamel u għal dan il-fini l-istess liġi timponi dak li ssejjaħ *cooling down period.* F'dak il-perijodu li, skond il-liġi tagħna, hu ta' ħmistax-il ġurnata, il-kuntratt jibqa' sospiż u ma jistax jiġi enforzat mill-venditur. Iżda la darba jgħaddi dan it-terminu u l-konsumatur ma jipprevalix ruħu mid-dritt mogħti lilu skond l-artikolu 8 ta' l-istess Att, allura dak il-kuntratt isir definittiv u l-bejgħ ikun perfett ai termini ta' l-artikolu 1347 tal-Kap. 16;

Għalhekk la darba skada it-terminu ta' ħmistax-il ġurnata meħtieġ biex tintbagħat il-*cancellation form* ir-relazzjoni ta' bejn il-bejjiegħ u l-venditur mhux aktar regolata bl-Att VII ta' l-1987 iżda bir-regoli ġenerali tal-kuntratti u dak il-kuntratt jista' issa jitħassar biss kemm-il darba l-konsumatur ikollu raġuni valida (artikolu 10 (1) tal-Kap. 317) għal dak it-tħassir kif ipprovdut fil-Kapitolu VI tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, fejn il-Kodiċi jitkellem dwar il-kuntratti ta' bejgħ;

L-artikolu 1440 tal-Kap. 16 jippreskrivi li barra mir-raġunijiet imsemmija fl-istess titolu, kuntratt ta' bejgħ jista' jiġi rexiss għal kull raġuni li kuntratti jistgħu jiġu annullati;

Kuntratti u konsegwentement l-obbligazzjonijiet naxxenti minnhom, jistgħu jiġu rexissi jekk jonqos xi wieħed jew iżjed mill-elementi essenzjali meħtieġa għall-validità ta' kuntratt u ċjoè kapaċità, kunsens, oġġett u kawża leċita;

Il-kunsens ta' l-obbligat huwa element essenzjalii għal eżistenza ta' obbligazzjoni. Meta kuntratt jkun wieħed oneruż bħal fil-każ in eżami, stante li kull parti qed tintrabat li tagħmel xi ħaġa, dan il-kunsens irid ikun preżenti fiż-żewġ partijiet;

Il-kunsens tal-partijiet jista' jkun vizzjat kemm-il darba dan jingħata bi żball jew jiġi meħud bi vjolenza jew b'egħmil doluż;

Issa l-konvenuti qed jeċċepixxu li l-kuntratt fuq imsemmi huwa null billi l-kunsens tagħhom ġie meħud b'ingann jew mogħti bi żball. Proprjament dan jista' jingħad biss mill-konvenuta Giuliana Borg billi kienet hi li kkuntrattat ma' l-attur u l-konvenut żewġha la kien preżenti għat-trattativi u lanqas iffirma l-kuntratt in kwistjoni;

Dwar vizzju tal-kunsens minħabba żball, il-liġi tiddistingwi bejn żball dwar il-liġi li ma jġibx nullità ħlief meta dan ikun il-kawża waħdanija jew ewlenija tiegħu, u żball ta' fatt li ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim (artikoli 975 u 976 tal-Kap. 16);

L-artikolu 981 imbagħad jippreskrivi li l-"għemil doluż" huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali li mingħajrhom il-parti l-oħra ma kinitx tikkuntratta. Iżda l-istess artikolu jkompli jgħid li dan l-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat;

Mix-xhieda mogħtija mill-konvenuti jidher li waħda mill-kawżali tan-nullità tal-kuntratt fuq imsemmija huwa l-iżball ta' fatt. Dawn donnhom qed isostnu li huma ġew indotti fi żball billi, minn kliem l-attur kienu taħt l-impressjoni li l-familja Borg kienet, wara lotterija tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, ġiet magħżula bħala waħda minn sitta u tletin familja intitolati jirċievu "b'xejn", il-kotba in kwistjoni jew sussidjarjament li l-offerta li kienet qed issirilhom kienet vantaġġjuża billi l-prezz kien ridott u ma kienx hemm aktar offerti simili;

Għandu jingħad fl-ewwel lok, li din ix-xhieda ġiet miċħuda mill-attur li xehed li huwa offra għall-bejgħ il-kotba mingħajr pressjoni jew suġġerimenti ta' vantaġġ ħlief li dawn il-kotba kienu tajbin għat-tfal ta' l-iskola. Fit-tieni lok, dejjem ġiet ritenut mill-Qrati tagħna li biex jagħti lok għat-tħassir tal-kuntratt l-iżball ta' fatt irid ikun żball sostanzjali. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tat-30 ta' Marzu, 1936 fl-ismijiet **Alessandro Portanier** *vs* **Paolo Dalli** irriteniet li *errore di fatto* ma jġibx għan-nullità tal-konvenzjoni *se quando cade sulla sostanza stessa della cosa che ne è l-oggetto*. In sostenn ta' dan saret referenza għal dak li jingħad minn l-awtur Franċiż Laurent (Vol. XV, p. 455) li fuq dan il-kunċett qal hekk: "*Pothier ci dirà cio che bisogna intendere per errore sulla sostanza della cosa. L'errore annulla che le parti hanno avuto principalmente di mira e che forma la sostanza di questa cosa. L'errore sulla sostanza è dunque un errore sulla qualità, ma non ogni errore sulla qualità è sostanziale; bisogna che esso cada su di una qualità principale, ed è l'intenzione delle parti quello che deve decidere se una qualità è o no principale. E il caso di applicare il principio di Domat: Le parti non avrebbero contrattato se avessero saputo che la cosa non aveva quella qualità che esse le supponevano; l-errore sarà sostanziale ...*";

Fil-każ in eżami l-kuntratt ta' bejn il-kontendenti jikkonċerna l-bejgħ mill-attur u l-akkwist mill-konvenuti ta'

kotba edukattivi. Kienu dawn li ġew offruti u dawn li ġew aċċettati. Ma nġiebet ebda prova kuntrarja mill-konvenuti dwar il-kwalità ta' l-oġġetti mibjugħa u li dawn ma kinux jirriflettu l-ħsieb tal-kontraenti waqt il-mument tal-kontrattazzjoni. Il-fatti l-oħra kollha huma ta' natura sekondarja għall-kuntratt fih innifsu u bl-ebda mod ma jistgħu jkollhom rifless fuq il-kwalità ta' l-oġġetti meritu tan-negozju konkjuż;

Inoltre, għandu jiġi rrilevat li l-kuntratt ta' l-14 ta' Ġunju, 1995 ma jirrispekkja xejn minn dak li qegħdin jallegaw il-konvenuti. Infatti dan jindika sempliċement l-oġġett tal-vendita, il-prezz, il-modalità tal-pagament u d-drittijiet tal-konvenuti f'każ li ma jkunux iridu li l-bejgħ jiġi finalizzat. Għalhekk apparti ċ-ċaħda ta' l-attur dwar l-allegazzjonijiet li saru mill-konvenuta, ċertament ma jistax jingħad li l-konvenuti kienu indotti fi żball ta' fatt fuq l-oġġett li kien qed jiġi offrut u dak li ħasbu li qegħdin jixtru;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qiegħda tiċħad din l-eċċezzjoni;

Il-Qrati tagħna dejjem kienu tal-fehma li mhux kwalunkwe ingann ta' kontraent wieħed għad-dannu ta' l-ieħor jammonta għad-dolo rikjest mil-liġi bħala motiv għall-annullabilità ta' kuntratt. L-ingann irid ikun tali li ma jħallix lill-kontraent ingannat il-kuxjenza ta' dak li kien qiegħed jagħmel u l-indipendenza tal-kunsens tiegħu u tali ukoll li mingħajru ma kienx jikkuntratta (7.12.35 in re **Nazz. Dimech** ***vs*** **Nobbli Markiż Nazz. Zimmermann Barbaro** - per W. Harding);

Is-subinċiż (2) ta' l-artikolu 981, inoltre jippreskrivi li l-għemil doluż ma jistax jiġi preżunt, imma għandu jiġi ppruvat. Fil-każ in eżami jispetta lill-konvenuti li juru li fil-mument tal-kontrattazzjoni l-ingann allegatament adoperat mill-attur svesta

lill-konvenuta mill-arbitrju u volontà tagħha b'tali mod li meta iffirmat il-kuntratt ta' l-14 ta' Ġunju, 1995 hi ma kinitx taf x'qed tagħmel;

Issa mill-provi jirriżulta li l-konvenuta kienet konxja mill-offerta li kienet qed issirilha u l-obbligazzjoni li kienet qed tidħol fiha. Għalkemm, jekk tiġi emnuta l-konvenuta jista' jingħad li l-attur uża ċerta pressjoni ossia *sales talk* sabiex jasal għall-iskop tiegħu, ċertament ma jistax jingħad li s-suġġerimenti ta' l-attur b'xi mod ingannaw jew setgħu jingannaw lill-konvenuta. Infatti, din kienet taf li qed issirilha offerta ta' bejgħ ta' *encyclopaedia*, infurmat lill-attur li hija ġà kellha waħda, b'dana kollu xorta waħda ffirmat il-kuntratt u għażlet li tħallas fi żmien qasir biex tipprevali ruħha mill-offerta ta' volumi addizzjonali;

Wieħed ukoll ma għandux jinsa n-natura partikolari tal-kuntratt ta' bejgħ in kwistjoni. Kif ġà ingħad fuq, l-effetti legali konċernanti l-bejgħ ikunu sospiżi għal perijodu ta' ħmistax-il ġurnata wara d-data ta' l-iffirmar. L-akkwirent għalhekk ikollu żmien biżżejjed biex, f'każ li ġie ingannat jew ġie ndott fi żball, jirrimedja għal dak id-difett. L-ingann jista' jiġi eżerċitat biss minn wieħed mill-kontraenti fuq il-parti l-oħra, hekk kif qed jiġi konkjuż in-negozju. Huwa proprju f'dak il-mument li jista' jiġi affettwat il-kunsens tal-parti ingannata. Għalhekk kemm-il darba dak il-kunsens jew l-effetti tiegħu huma sospiżi għall-perijodu - dejjem fl-interess tal-konsumatur - ma jistax fi stadju ulterjuri l-istess konsumatur jgħid li ġie ingannat meta kellu l-opportunita kollha, anke mingħajr ma jagħti raġuni, li jħassar dak li seta' għamel sforz ta' xi raġġiri tal-parti l-oħra;

Infatti, jirriżulta li l-istess konvenut, meta ġie rinfaċċjat b'dak li għamlet martu, mill-ewwel qal li l-attur kien daħaq biha. Kien għalhekk l-obbligu tal-konvenuti li immedjatament

jaġixxu ai termini tal-liġi sabiex jreġġgħu lura dak li seta' kien sar kontra l-volontà tagħhom;

La darba dan ma sarx fit-terminu u ħallew li l-kuntratt isir effettiv, ma jistgħux issa jistrieħu fuq xi allegazzjoni ta' ingann eżerċitat mill-attur, liema ingann lanqas ma ġie ppruvat, biex jannullaw il-kuntratt ta' vendità;

Għar-raġunijiet fuq mogħtija l-Qorti, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi, u konsegwentement, filwaqt li tiddikjara li l-konvenuti ddekadew mill-benefiċċju tal-mod u tat-terminu lilhom konċess fil-kuntratt fuq imsemmi, tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' tliet mija u ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm325) bl-imgħax legali kif mitlub;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti.